## IL-PUPA

*Minn fuq is-sodda ċkejkna*
*Refgħitha w bisitha,*
*Għannqitha,*
*Bennitha bil-ħlewwa, bil-mod.*
*Rajtha tidħkilha w tkellimha*
*Tgħidilha kliem fieragħ ta' tifla li hi*
*U trid kieku ġġagħalha tifhimha*
*W' turiha kemm tħobbha w min hi.*

*Ħassejt qalbi taqbeż ġo sidri*
*Xhin rajthom lil binti w lill-pupa mgħannqin,*
*Jitbandlu mar-ritmu ta' għanja,*
*Madwarhom tfal oħra jilagħbu ħenjin.*
*Stħajjilt qiegħed nara lil binti*
*Mhux tifla mitlufa fil-logħob*
*'Mma xbejba mimlija*
*Bil-ħajr taż-żgħużija,*
*F'għajnejha*
*F'ħaddejha*
*Il-ħmura tal-hena w tas-sliem.*
*U stħajjilt qiegħed nara f'dirgħajha*
*Mhux pupa bla ħajja*
*'Mma tarbija mimlija bis-saħħa w bil-ġmiel,*
*Tbenninha bil-ħlewwa, bil-mod,*
*U trossha ma' qalbha*
*U tbusha fuq xagħarha*
*Bil-ħrara w bil-ħeġġa ta' omm.*

*Imbagħad fuq is-sodda lill-pupa*
*Qegħditha,*
*Bennitha kemm kemm,*
*U ġabret il-ponot ta' idejha*
*Fuq xufftejha, w bisitha,*
*U telqet ferħana se ttir.*
*Kemm seħer isaltan,*
*X'misterju hemm moħbi*
*Fir-ruħ nadifa ta' dik it-tifla-omm,*
*Tifla ċkejkna li tħobb lill-pupa tagħha*
*B'dak l-istess ġenn, b'dik l-istess qawwa*
*Ta' mara li ġarrbet għall-ewwel darba*
*Imħabba ta' omm.*

6/12/49.